MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1094/2004

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**vs**

**Starshine Enterprises Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 Mejju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbatax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm414.92) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal bejgh ta' prodotti ta' xorb ikkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq inkarigu ta'l-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbatax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm414.92), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------